MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 427/2004

**GASAN ENTERPRISES LIMITED (C.467)**

**vs**

**Guido u Carmen konjuġi AGIUS**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Ġunju, 2004, li bih is-soċjeta' attriċi wara li premettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi skond sbatax (17) il-kambjala li kopja tagħha qed tiġi mmarkata bħala Dok. 1 (Acc. 1119901 Nru. 043 sa 059) u li l-oriġinali tagħhom sejrin jiġu esebiti waqt il-kawża, tinsab kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' ħamest elef, erba' mija u tmienja u erbgħin liri maltin (Lm5448.00);

Illi dawn il-kambjaliet kollha skadew u baqgħu ma tħallsux u dana nonostante li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex jħallsu dan l-ammont;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u proċedura Ċivili (Kap. 12) billi l-kreditu tal-attur nomine huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-soċjeta' attriċi, l-konvenuti ma għandhomx l-ebda raġuni jew eċċezzjoni valida x'jagħmel f'din il-kawża;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħamest elef, erba' mija u tmienja u erbgħin liri maltin (Lm5448.00) dovuti skond sbatax (17) il-kambjalijiet kif fuq intqal u għar-raġunijiet premessi bid-dispens tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Bl-ispejjeż komprisi dawk ta' Ittra bonarja datat 6 ta' Frar 2004, Ittra Uffiċjali datata 10 t'April 2004 u ta' Mandat ta' Qbid Nru. 957/2004 kontra l-konvenuti li jibqa' minn issa nġunti għas-subizzjoni u bl-imgħaxijiet legali kontra l-istess konvenuti mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat li l-imħarrkin, notifikati kif imiss bl-atti tal-kawża u bl-Avviż tas-smigħ, naqsu li jidhru meta ssejħet il-kawża aktar minn darba, u b'hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet lill-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba attriċi tirriżulta mistħoqqa;

Fil-kontumaċja tal-imħarrkin, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12;

**Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-imħarrkin**, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' ħamest elef erba' mija u tmienja u erbgħin liri maltin (Lm5448), import ta' sbatax-il (17) kambjala aċċettati u maturati;

Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali li jibdew jgħaddu mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sal-jum tal-ħlas effettiv, kontra l-imħarrkin.

**Moqri**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------